**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**6 ta' Ottubru, 2022**

**Rikors Numru 8/22**

**Gordon Borg**

**Vs**

**Ministeru Għall-Finanzi**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Gordon Borg** ippreżentat fl-20 ta' Jannar, 2022, li permezz tiegħu ppremetta s-segwenti:-

*ILLI l-esponenti filwaqt li jagħmel referenza għad-deċiżjoni datata 28 ta' Diċembru, 2021, ikkommunikata permezz ta' e-mail u sussegwentament, b'hard copy bil-posta, li ttieħdet mill-Ministru Intimat li permezz tagħha ġiet miċħuda l-applikazzjoni illi kienet saret mill-esponenti għall-esenzjoni taħt l-Art. 19 tal-Kap 368 tal-Liġijiet ta' Malta (Motor Vehicle Registration and Licensing Act – Transfer of Residence) kif ukoll Regolament 4 tal-Liġi sussidjarja 368.01 dwar l-Exemption from Motor Vehicle Regulation Tax Rule , u dan a tenur ta' ittra datata 28 ta' Diċembru, 2021 (Ref MF 42/09/3234) hawn annessa ma' dan ir-Rikors, li permezz tiegħu l-esponenti qiegħed jintavola l-appell tiegħu;*

*ILLI l-esponenti ħejja dikjarazzjoni ġuramentata dettaljata inkluż b'numru ta' dokumenti biex isostni l-bażi tal-appell tiegħu li permezz tiegħu jipprovdi l-kronoloġija ta' kif seħħew l-affarijiet, pass pass minn meta huwa kien xtara l-mutur tal-marka BMW R1250 GSA (VIN: WB10J5102K2E97110) mill-Ġermanja li kien ħadu miegħu f' Georgia,*

*fejn kien jaħdem mal-European Union Monitoring Mission (EUMM) bħala espert bi status diplomatiku;*

*ILLI fil-qasir, l-aggravju tal-esponenti huwa prinċipalment wieħed u wieħed serju... u ċioe' li qabel ma ġab l-imsemmi mutur BMW f'Malta, kien talab gwida ta' x'kellu jagħmel u dan xejn anqas mis-Sur Michael Zammit Munro (Chairperson Transfer of Residence Exception Board) tant li l-esponenti segwa to the letter l-gwida tal-istess persuna sabiex jottjeni l-esenzjoni mit-taxxa fuq il-mutur de quo riżultanti mit-trasferiment tar-residenza tiegħu lura f'Malta;*

*ILLI l-esponenti saħansitra żamm komunikazzjoni mal-Kummissarju tat-Taxxi dwar il-materja;*

*ILLI l-esponenti jispjega li huwa dejjem saħaq dwar id-data li kellu jkun lura Malta u fil-fatt, l-affidavit tiegħu jagħmilha ċara dwar dan, iswed fuq l-abjad, li ma jħalli l-ebda dubju dwar meta l-esponenti kien irriloka f'Malta mill-Georgia wara li temm is-sekondament tiegħu mal-European Union Monitoring Mission (EUMM);*

*ILLI nonċio', b'diżappunt enormi, l-esponenti rċieva d-deċiżjoni negattiva surreferieta, li abbażi tagħha qed ikun intavolat dan l-appell, aktar u aktar meta l-esponenti jħossu li kien issodisfa l-kriterji kollha għall-ħruġ ta' esenzjoni.*
*GĦALDAQSTANT, in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitlob sabiex dan it-Tribunal jirrevoka contrario imperio' id-deċiżjoni meħuda mill-Ministru u l-applikazzjoni tiegħu għall-esenzjoni ta' taxxa tkun milqugħa kif mitlub mill-esponenti.*

Ra r-risposta tal-**Ministeru ghall-Finanzi** ippreżentata fit-28 ta' Jannar, 2022, li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:-

1. *Illi qabel xejn, l-esponent jibda biex jeċċepixxi in-nullità tal-appell odjern u dan għaliex ġie ppreżentat tardivament. It-terminu impost mill-liġi **f'Regolament 4(11) tar-Regolamenti Dwar l-Eżenzjoni mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (L.S. 368.01)** huwa dak ta wieħed u għoxrin (21) ġurnata mid-data li fiha d-deċiżjoni tkun ġiet pubblikata fuq il-website tal-Ministeru responsabbli għall-finanzi. Id-deċiżjoni in mertu ġiet ippubblikata fuq il-website tal-Ministeru nhar it-**28 ta' Diċembru, 2021,** u dan minn kif jirriżulta minn '**Dokument MFE1'** li huwa estratt mill-website tal-istess Ministeru intimat. L-istess deċiżjoni ġiet ukoll ikkomunikata lill-appellant fl-istess ġurnata tat-28 ta' Diċembru*

*2021 u dan minn kif konfermat mill-appellant stess fl-aħħar paragrafu ta' paġna tlieta tal-affidavit tiegħu, kif ukoll korroborat minn '**Dokument MFE2'.** Kemm mit-timbru fuq ir-rikors tal-appell, kif ukoll mill-website* www.ecourts.gov.mt *(ara '**Dokument MFE3'**) jidher li dan l-appell ġie ppreżentat fil-**ghoxrin (20) ta' Jannar, 2022**, u b'hekk wara li għadda t-terminu perentojru ta' wieħed u għoxrin ġurnata;*

2. *Strettament bla ħsara għall-ewwel eċċezzjoni, f'kull każ l-aggravju tal-appellant huwa manifestament infondat u dan għar-raġunijiet li ser ikunu qed jiġu mogħtija f'din ir-risposta;*

3. *Illi r-raġuni ewlenija għalfejn il-Bord dwar l-Eżenzjoni mit-Taxxa ta' Reġistrazzjoni (minn hawn il-quddiem imsejjaħ bħala l-'Bord') ċaħad l-applikazzjoni mertu ta' dan l-appell kien propju għaliex l-appellant issottometta l-applikazzjoni in kwestjoni aktar kmieni minn xahrejn qabel id-data li fiha ħa r-residenza normali tiegħu f'Malta u dan bi ksur ta'* **Regolament 4(3)(d) tal-L.S. 368.01** *(ara kopja tad-deċiżjoni tal-Bord – '**Dokument MFE4'**);*

4. *Illi minn kif dikjarat mill-appellant stess fl-affidavit tiegħu, l-appellant ittrasferixxa ir-residenza tiegħu lejn Malta mill-Georgia fid-19 ta' Diċembru 2021. Barra minn hekk, it-tali data tirriżulta wkoll minn email li bagħat l-appellant, li huwa ċittadin Malti, lill-Kummissarju tat-Taxxi u dan minn kif jirriżulta minn '**Dokument MFE5'** hawn anness. Jiġi b'hekk li kemm de facto kif ukoll de jure (skont id-definizzjoni ta' 'trasferiment ta' residenza' kif misjuba f'Regolament 2 tal-L.S. 368.01)– id-data li fiha l-appellant ittrasferixxa r-residenza lejn Malta kienet dik tad-**19 ta' Diċembru, 2021**;*

5. *Illi minn naħa l-oħra, jekk wieħed imbagħad jagħti titwila lejn '**Dokument MFE6'** li hija kopja tal-applikazzjoni mertu ta' dan l-appell kif ukoll tal-acknowledgement letter, jirriżulta iswed fuq l-abjad kif l-appellant issottometta l-applikazzjoni tiegħu fil-**15 ta' Ottubru, 2021**. Ġara b'hekk li l-appellant **issottometta l-applikazzjoni tiegħu aktar kmieni minn xahrejn** qabel id-data li fiha ħa r-residenza tiegħu lejn Malta, u dan kontra dak li jipprovdi d-dispost ta'* **Regolament 4(3)(d) tal-L.S. 368.01***;*

6. *Illi mingħajr ma għandu għalfejn jingħad, dan it-Tribunal għamilha ċara kemm-il darba li l-kriterji stabbiliti taħt* **Regolament 4(3) tal-L.S. 368.01***, huma kumulattivi u tassattivi, bil-*

*konsegwenza li l-Bord ma jistax japprova applikazzjoni għall-eżenzjoni f'każ li wieħed mir-rekwiżiti ma jiġix sodisfatt. Tant hu hekk li* ***Regolament 4(4)*** *tal-istess* ***L.S. 368.01*** *jagħmilha ċara li: "L-eżenzjoni taħt is-subregola (1)* ***m'għandhiex tingħata*** *meta -(a) il-vettura u, jew l-applikant ma jkunux jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti taħt is-subregola (3)". Jiġi b'hekk li l-liġi ma tħalli l-ebda diskrezzjoni f'idejn il-Bord f'dawk il-każijiet fejn wieħed mir-rekwiżiti msemmija* ***f'Regolament 4(3)*** *ma jiġux imħarsa mill-applikant jew inkella mill-vettura tiegħu;*

**7.** *Fl-aħħar nett, mhuwa minnu xejn li l-appellant talab xi gwida mingħand iċ-Ċermen tal-Bord dwar x'kellu jagħmel qabel ma ġab il-mutur tiegħu lejn Malta. L-unika korrispondenza li kien hemm bejn iċ-Ċermen u l-appellant kienet biss wara li ġiet sottomessa l-applikazzjoni tiegħu u dan biss għal skop sabiex tingħata l-informazzjoni meħtieġa lill-Bord sabiex ikun f'pożizzjoni li jipproċessa l-applikazzjoni, u xejn aktar;*

**8.** *Illi għalhekk id-deċiżjoni tal-Bord hija waħda korretta u m'għandiex tiġi mħassra kif mitlub mill-appellant. Wisq anqas ma huwa minnu li l-appellant ingħata xi informazzjoni żbaljata miċ-Ċermen tal-Bord;*

**9.** *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

Għaldaqstant, l-esponent jgħaddi biex jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad l-appell tal-appellant bl-ispejjeż kontra l-istess appellant.

Ra illi fost l-eċċezzjonijiet tal-Ministeru intimat, l-ewwel eċċezzjoni hija waħda ta' natura preliminari u għalhekk ra li jkun opportun li din tiġi trattata u deċiża qabel jiġi nvestit il-mertu proprju;

Ra l-affidavit tar-rikorrent;

Sema' x-xhieda;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-Ministeru intimat;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għal sentenza preliminari dwar l-istess eċċezzjoni tal-Ministru intimat, u ċioe` dwar it-tardivita` tal-appell;

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi r-rikorrent issottometta applikazzjoni sabiex jiġi eżentat milli jħallas it-taxxa ta' reġistrazzjoni fuq il-mutur tal-għamla BMW R1250 GSA u dan ai termini tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01.

Illi mid-dokumenti esebiti mill-Ministeru intimat jirriżulta illi permezz ta' ittra datata 28 ta' Diċembru 2021 mibgħuta miċ-*Chairperson* tat-*Transfer of Residence Exemption Board* (iktar 'il quddiem imsejjaħ "il-Bord), ir-rikorrent ġie nfurmat illi l-applikazzjoni tiegħu għall-eżenzjoni mit-taxxa ta' reġistrazzjoni ma kinitx ġiet approvata u dana stante li ma kienx issodisfa r-Regolament 4 (3) (d) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01 li jgħid is-segwenti:

*(3) Biex vettura tkun tista' tikkwalifika għal eżenzjoni taħt is-subregola (1):*

*l-applikazzjoni biex il-vettura tiġi eżentata ssir mhux aktar kmieni minn xahrejn qabel id-data li fiha l-applikant jieħu r-residenza normali tiegħu f'Malta u mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara dik id-data*

Illi ai termini tar-Regolament 4 (11) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01 (Regoli Dwar Eżenzjoni mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni Ta' Vetturi Bil-Mutur*) "Applikant li jħossu aggravat b'deċiżjoni tal-Bord jista' jappella lit-Tribunal skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva **<u>fi żmien wieħed u għoxrin ġurnata minn meta d-deċiżjoni tkun ġiet pubblikata kif provdut fis-subregola (7)."</u>***

Illi s-subregola (7) tgħid is-segwenti*: "Applikazzjoni taħt din ir-regola għandha tiġi proċessata u deċiża mill-Bord u d-deċiżjoni tal-Bord* ***<u>għandha tiġi pubblikata fuq il-website tal-Ministeru responsabbli għall-Finanzi</u>****. Il-Bord għandu wkoll jibgħat kopja ta' dik id-deċiżjoni bil-posta reġistrata lill-applikant fl-indirizz speċifikat fl-applikazzjoni u, fejn provdut, ukoll b'mezzi elettroniċi."*

Illi kwindi t-terminu tal-appell ta' wieħed u għoxrin ġurnata **<u>jiskatta minn meta d-deċiżjoni tiġi pubblikata</u>** fuq il-*website* tal-Ministeru responsabbli għall-Finanzi.

Illi dan it-Tribunal sema' lir-rikorrent jixhed illi l-indirizz elettroniku <u>gorbor75@gmail.com</u> huwa tiegħu. Fl-affidavit tiegħu spjega wkoll illi fit-28 ta' Diċembru 2021 huwa rċieva d-deċiżjoni appellata permezz ta'

emejl. Ġie stabbilit ukoll illi huwa rċieva d-deċiżjoni appellata bil-posta reġistrata fil-31 ta' Diċembru 2021. Ir-rikorrent spjega li l-appell in kwistjoni ġie ppreżentat proprju fl-aħħar ġurnata wara li għaddew għoxrin ġurnata minn meta rċieva d-deċiżjoni appellata stante li kien qiegħed jistenna risposta mingħand il-Kummissarju tat-Taxxi, liema risposta waslet fil-21 ta' Jannar 2022 fejn ġie riferut sabiex jikkuntattja lil Transport Malta.[1]

Michael Zammit Munro, *Chairperson* tal-Bord, spjega illi l-Bord qabel ma jieħu d-deċiżjoni tiegħu jara li l-applikant ikun iddikjara mal-Kummissarju tat-Taxxi d-data tat-trasferiment tar-residenza tiegħu, pero` l-istess Bord m'hu obbligat li jistenna l-ebda tip ta' azzjoni ulterjuri mingħand l-istess Kummissarju.

Ritianne Borg Mifsud, impjegata mal-Ministeru intimat, spjegat li hija tieħu ħsieb ix-xogħol tal-Bord u li dakinhar li tittieħed deċiżjoni mill-Bord, hija tibgħat kopja tad-deċiżjoni b'emejl lill-applikant fuq l-emejl li jkun ipprovda huwa stess fl-applikazzjoni, u wkoll permezz ta' ittra reġistrata. Spjegat ukoll li d-deċiżjoni tiġi pubblikata fuq is-sit elettroniku tal-Ministeru. In kontro-eżami wieġbet illi ma tafx meta applikant ikun ra l-emejl li tintbagħat bid-deċiżjoni tal-Bord.

**Ikkunsidra:**

Illi huwa fatt inkontestat illi r-rikorrenti rċieva d-deċiżjoni permezz ta' emejl fit-28 ta' Diċembru 2021 u bil-posta reġistrata fil-31 ta' Diċembru 2021. Minn qari tal-istess deċiżjoni jirriżulta illi huwa ġie infurmat illi kellu dritt jappella mill-istess deċiżjoni fi żmien wieħed u għoxrin (21) ġurnata mid-data murija fuq l-istess ittra li permezz tagħha ġiet komunikata d-deċiżjoni tal-Bord, u ċioe` t**-28 ta' Diċembru, 2021**. Ġie wkoll infurmat illi l-istess deċiżjoni kienet ġiet pubblikata fuq is-sit elettroniku tal-Ministeru fit-28 ta' Diċembru 2021 u ingħata *link* fejn l-istess deċiżjoni ġiet ippubblikata. It-Tribunal josserva illi anke fl-applikazzjoni nnfisha hemm indikat ċar illi t-terminu tal-appell jibda għaddej minn meta d-deċiżjoni tiġi pubblikata fuq is-sit elettroniku tal-Ministeru.[2]

Illi dan it-Tribunal jagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Carmel Mercieca vs Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud**[3] fejn ir-rikorrent f'dik il-kawża pprova jiġġustifika t-tardivita` ta' l-appell tiegħu

---

[1] Dokument GB1 a fol. 92
[2] A. fol. 62
[3] Qorti ta' l-Appell (Inferjuri) deciża fil-25 ta' Jannar 2006

minn stimi maħruġa kontrih mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud minħabba mard gravi. Il-Qorti ta' l-Appell ma laqgħetx din l-iskużanti u osservat "*illi t-termini, legalment imposti jew kontrattwalment akkordati, huma dejjem, u f'kollox, ta' massima importanza. Mill-punto di vista ta' l-ordinament proċedurali tagħna t-termini "huma jew ġudizzjarji, li billi huma imposti mill-liġi jissejħu wkoll legali jew ġudizzjali, li huma dawk it-termini li timponi l-Qorti" (Joseph Tabone nomine v. John Mousu proprio et nomine" Appell Kummerċjali, 6 ta' Lulju 1993).*

*It-termini ġudizzjarji, li jikkonċernaw a propożitu il-każ taħt eżami, huma, imbagħad, klassifikati bħala perentorji jew ordinatorji. Il-Liġi tagħna donnha toħloq presunzjoni tal-karattru ordinatorju ta' dawn it-termini legali. Dan kif desumibbli minn eżami ta' ċerti disposizzjonijiet ġenerali tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, senjatament l-Artikolu 106 tiegħu. Naturalment anke jekk ma jkunx jingħad expressis li ċertu terminu hu wieħed perentorju dan il-karattru jista' jitnissel aliunde anke mill-effetti li jipproduċi d-dekors tat-terminu dipendenti, s'intendi, mis-sanzjoni espressa fin-norma li tkun. Ara, ad eżempju, Artikolu 963 tal-Kapitolu 12. Anke jekk b'riflessjoni għall-elementi ta' l-azzjoni ta' spoll, titqies valida l-enunċjazzjoni li għamlet il-Qorti ta' l-Appell fid-deċiżjoni riportata a Vol. XXIV pI p276: Secondo I principii di diritto quando la legge stabilisce un termine entro cui un atto si deve compiere, quel termine anziche di prescrizione è termine di decadenza nel senso che decorso quell termine quell'atto non sarebbe più ammissibilie.*

*Għandu jingħad ukoll illi terminu legali perentorju ma jistgħax jiġġedded jew, b'xi mod sanata n-nuqqas ta' l-osservanza tiegħu. Hu inerenti għan-natura stess ta' terminu bħal dan l-inderogabilità tiegħu w allura dan ma jistax jirċievi sanatorja jew rimessjoni fit-terminu tkun xi tkun ir-raġuni. Fi kliem ieħor it-terminu perentorju ma jistgħax jiġi prorogat, lanqas bi ftehim bejn il-partijiet. Dik il-proroga hi possibbli biss ope legis bħal fil-każ fejn l-aħħar jum għall-preżentata ta' att ikun jum tas-Sibt jew tal-Ħadd jew jum ta' festa. Ara "Dimech Enterprises Ltd. v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud" Appell, 23 ta'Ġunju 2004.*

*Jekk wieħed joqgħod għal dak li ngħad s'issa ftit hemm dubju illi, minn kif konċepit l-artikolu rilevanti [Reg. 4(1)(d) tas-Sitt Skeda ta' l-Att XII ta' l-1994] – fil-każ in eżami r-Regola 4(1)(d) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal- Liġijiet ta' Malta – it-terminu fih prefiss għall-appell kontra stimi hu wieħed perentorju, u konsegwentement fatali, tant li l-kliem introduttivi tad-disposizzjoni jaffermaw illi jekk ma jkunx hemm l-osservanza tiegħu, l-appell "ma jkunx validu". Ara, fost oħrajn, in tema*

*sentenzi ta' din il-Qorti, kif presjeduta, in re: "Martin Briffa v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud" 24 ta' Novembru 2003 u "Blevins Franks International Ltd. v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud" 4 ta' Mejju 2005.*

*Anke kieku stess però dak it-terminu ta' tletin jum mid-data tan-notifika ta' l-avviż li kontriħ isir l-appell, kellu jitqies terminu legali ordinatorju li, skond l-Artikolu 106, Kapitolu 12, jippermetti t-tiġdid tiegħu għal raġuni tajba, ma jirriżultax lanqas imbagħad, f'dan il-każ illi talba bħal din saret "fiż-żmien li tiegħu jintalab it-tiġdid" ossija qabel l-iskadenza tat-terminu utili stabbilit għall-appell (Kolleż. Vol. XXXIII pI p321). Lanqas permezz ta' talba ad hoc fi proċedura appożita għar-restituzzjoni in integrum. Proċedura din li jrid jingħad kienet permissibbli fi żminijiet imgħoddija. Ara Kolleż. Vol. XXIX pI p276 u Kolleż. Vol. XXXIV pI p348….anke kieku l-Qorti kellha toqgħod fuq il-portata taċ-ċertifikat mediku datat 29 ta' Ottubru 1998 (u mhux ukoll dak datat 19 ta' Mejju 2003 preżentat wara s-sentenza tal-Bord), li baqa' mhux konfermat, l-istess ikollu jingħad li din il-Qorti mhix konvinta li tista' tirrikonoxxi fih sitwazzjoni ta' 'raġuni tajba", ċerta w objettiva li kienet talment timpedixxi lill-appellat mill-osservanza tat-terminu f'dak il-mument u għal dik ir-raġuni. Opportunatament għandu jiġi mfakkar illi t-termini proċedurali ma jistgħu qatt jitħallew fid-diskrezzjoni ta' xi waħda mill-partijiet jew, li hu agħar, jiġu injorati minn min hu msejjaħ biex jiġġudika. Anke jekk mhux espressament riferibbli għall-fattispeċi tal-każ de quo, il-Qorti tagħmel tagħha l-osservazzjoni magħmula mill-Qorti ta' l-Appell fid-deċiżjoni "Kummissarju tat-Taxx fuq il-Valur Miżjud v. George Schembri" 6 ta' Ottubru 2000, u ċjoe, li "l-Qrati (u dan jgħodd ukoll għat-tribunali ta' kull speċi) huma obbligati li japplikaw u jinterpretaw il-liġijiet tal-pajjiż kif promulgati mill-Parlament u ma għandhom ebda diskrezzjoni la li jinjorawhom, la li jadottawhom b'mod approssimattiv skond kif jidhrilhom li jkun ġust u ekwu fiċ-ċirkostanzi, u wisq anqas li jissanzjonaw proċeduri li l-liġijiet tal-pajjiż ma jippermettux li jiġu improvvizati, f'dawk iċ-ċirkustanzi, bil-konsegwenza li jiġu newtralizzati w emaskolati proċeduri oħra espressament provvduti bil-liġi".*

Illi ċertament, il-fattispeċie ta' dan il-każ huma għal kollox differenti, pero` t-Tribunal ikkwota minn din is-sentenza biex jissofferma illi huwa m'għandu ebda diskrezzjoni jiddipartixxi minn termini ta' appell imposti mil-Leġislatur.

Illi t-Tribunal josserva illi l-Ministeru intimat ġab prova meta effettivament l-istess deċiżjoni ġiet pubblikata fuq is-sit elettroniku tiegħu.[4]

Illi fis-sottomissjonijiet finali, id-difensur tar-rikorrent saħaq illi t-terminu tal-appell kien sospiż ladarba r-rikorrent kien għadu qed jistenna risposta mill-Kummissarju tat-Taxxi, liema risposta waslet biss fil-21 ta' Jannar, 2022. Illi dan it-Tribunal ma jaqbilx ma' din is-sottomissjoni. Illi jekk wieħed jara l-emejl mibgħuta minn Michael Zammit Munro lir-rikorrent fis-27 ta' Ottubru, 2021, huwa talbu biex jibgħat emejl lill-Kummissarju tat-Taxxi sabiex jinfurmah bid-data tat-trasferiment tar-residenza tiegħu.[5] Talbu wkoll sabiex jibgħatlu kopja tal-istess emejl. Dan kollu bl-ebda mod ma jista' jittieħed li ssospenda xi terminu wara li ngħatat id-deċiżjoni tal-Bord. Kif spjega Michael Zammit Munro fix-xhieda tiegħu quddiem dan it-Tribunal, il-Bord seta' jgħaddi għad-deċiżjoni ladarba huwa kien sodisfatt li l-applikant kien bagħat emejl lill-Kummissarju tat-Taxxi dwar id-data tat-trasferiment tar-residenza tiegħu hawn Malta.

Għaldaqstant, siccome` l-appell odjern ġie ntavolat fl-20 ta' Jannar, 2022, laħqu għaddew iktar minn wieħed u għoxrin ġurnata minn meta d-deċiżjoni appellata ġiet ippubblikata fuq is-sit elettroniku tal-Ministeru. Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi l-informazzjoni fid-deċiżjoni appellata kienet waħda adegwata li b'mod ċar infurmat lir-rikorrent li kellu dritt jappella fi żmien wieħed u għoxrin (21) ġurnata mid-data murija fuq l-ittra, liema data hija effettivment id-data li fiha ġiet ippubblikata d-deċiżjoni fuq is-sit elettroniku tal-Ministeru, u ċioe` t-28 ta' Diċembru, 2021.

Illi filwaqt li dan it-Tribunal japprezza illi r-rikorrent ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fi żmien wieħed u għoxrin (21) ġurnata minn meta rċieva d-deċiżjoni permezz tal-ittra reġistrata, il-liġi tiddetta li l-wieħed u għoxrin (21) ġurnata għall-appell jibdew jiddekorru minn meta d-deċiżjoni tkun ippubblikata fuq is-sit elettroniku. Għalkemm dan it-Tribunal japprezza li forsi r-rikorrent seta' ħaseb li l-proċess tal-Bord ma kienx iffinalizzat, madanakollu d-deċiżjoni hija waħda ċara u univoka u ma hemmx lok ta' wisq interpretazzjoni, deċiżjoni li avżat b'mod ċar lir-rikorrent li kellu d-dritt li jappellaha fiż-żmien muri fuq l-istess deċiżjoni. Illi għalhekk dan it-Tribunal m'għandux għażla oħra ħlief li jippronunzja l-irritwalita' ta' l-appell minħabba l-inosservanza tat-terminu fatali għall-proposizzjoni ta' l-appell.

---

[4] Dokument MFE 1 a fol. 53

[5] Emejl esebita a fol. 30

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal għar-raġunijiet hawn fuq premessi, qiegħed jilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Ministeru intimat u jiddikjara l-appell bħala irritu u null in kwantu ġie pprezentat tardivament.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**